Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Novembru 2016
(OR. en)

14082/16
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0357 (COD)

FRONT 426
VISA 351
DAPIX 198
CODEC 1586
COMIX 725

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 16 ta' Novembru 2016 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2016) 731 final - ANNEX 1 |
| Suġġett: | ANNESS Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva mal- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/794 u (UE) 2016/1624 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 731 final - ANNEX 1.

---

Mehmuż: COM(2016) 731 final - ANNEX 1

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2016
COM(2016) 731 final

ANNEX 1

# ANNESS

## Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva

**mal-**

## Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/794 u (UE) 2016/1624**

**ANNESS**

**Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva**

**mal-**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/794 u (UE) 2016/1624**

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

## 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

## 1.2. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS).

## 1.3. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat/i fl-istruttura ta' ABM/ABB[1]

| |
|---|
| Il-qasam ta' politika: Qasam tal-Affarijiet Interni (titolu 18)<br><br>[…] |

## 1.4. Natura tal-proposta/inizjattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[2]

☐ Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

## 1.5. L-għan(ijiet)

### *1.5.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

| |
|---|
| - Il-ġestjoni tal-fruntieri - il-preservazzjoni tal-ħajjiet u s-sigurtà fil-fruntieri esterni |

[1] ABM (Activity-Based Management): ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB (Activity-Based Budgeting): baġit ibbażat fuq l-attività.

[2] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ETIAS se tkun sistema awtomatizzata maħluqa sabiex tidentifika kwalunkwe riskju assoċjat ma' viżitatur eżenti mill-viża li jkun qed jivvjaġġa lejn iż-Żona Schengen. L-ETIAS se tiġbor informazzjoni dwar dawn il-vjaġġaturi qabel ma jibdew il-vjaġġ tagħhom, sabiex ikun hemm lok għal ipproċessar minn qabel. Għall-vjaġġaturi, din tipprovdilhom is-serħan il-moħħ li se jkunu jistgħu jaqsmu l-fruntieri bla intoppi.

- Skambju aħjar ta' informazzjoni

Standards għoljin komuni ta' ġestjoni tal-fruntieri, b'rispett sħiħ lejn l-istat tad-dritt u lejn id-drittijiet fundamentali, huma essenzjali biex wieħed jipprevjeni l-kriminalità serja u t-terroriżmu.

Il-proposta hija parti mill-iżvilupp kontinwu tal-Istrateġija Integrata għall-Ġestjoni tal-Fruntieri tal-Unjoni Ewropea.

*1.5.2. Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet tal-ABM/tal-ABB ikkonċernata/i*

<u>Għanijiet speċifiċi</u>

L-ETIAS se:

- tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà billi tipprovdi valutazzjoni bir-reqqa tar-riskju tas-sigurtà tal-applikanti, qabel ma jaslu fil-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni, sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx indikazzjonijiet fattwali jew bażi raġonevoli biex wieħed jikkonkludi li l-preżenza ta' dik il-persuna fit-territorju tal-Istati Membri tirrappreżenta riskju għas-sigurtà;

- tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' migrazzjoni irregolari billi tipprovdi għal valutazzjoni tar-riskju tal-migrazzjoni irregolari tal-applikanti qabel ma jaslu fil-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni;

- tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika billi tipprovdi għal valutazzjoni tar-riskju tas-saħħa pubblika tal-applikanti qabel ma jaslu fil-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni;

- ittejjeb l-effettività tal-kontrolli fuq il-fruntieri;

- issostni l-għanijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) li jirrigwardaw it-twissijiet dwar persuni mfittxija għall-arrest jew għal finijiet ta' konsenja jew estradizzjoni, persuni nieqsa, dwar persuni mfittxija biex jgħinu fi proċess ġudizzjarju jew dwar persuni għal kontrolli diskreti jew kontrolli speċifiċi;

- tikkontribwixxi għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra

<u>Attività/ajiet tal-ABM/tal-ABB ikkonċernata/i</u>

Kapitlu "Sigurtà u Salvagwardjar tal-Libertajiet": Sigurtà Interna

1.5.3. *Ir-riżultat(i) u l-impatti mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi li hija diretta lejhom.*

L-għanijiet ġenerali tal-politika huma:

(1) It-tisħiħ tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri u t-titjib tas-sigurtà interna,

(2) Il-kontribuzzjoni għall-iffaċilitar tal-ivvjaġġar,

Il-funzjoni ewlenija tal-ETIAS tkun tikkonsisti fl-iċċekkjar tal-informazzjoni mogħtija minn ċittadini ta' pajjiżi terzi eżenti mill-viża, permezz ta' applikazzjoni onlajn qabel ma jaslu fil-fruntieri esterni tal-UE, u jekk dawn joħolqux ċerti riskji għall-migrazzjoni irregolari, għas-sigurtà jew għas-saħħa pubblika. Dan isir permezz tal-ipproċessar awtomatiku ta' kull applikazzjoni permezz ta' tqabbil ma' sistemi ta' informazzjoni oħrajn tal-UE, lista ta' sorveljanza apposta tal-ETIAS u ma' regoli ta' skrinjar. Dan l-eżami jgħin biex wieħed jiddetermina li ma hemmx indikazzjonijiet fattwali jew bażi raġonevoli biex ma tinħariġx l-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar.

Meta teżiġi awtorizzazzjoni tal-ivvjaġġar valida għal kull ċittadin ta' pajjiż terz eżenti mill-viża, l-UE tkun qiegħda tiżgura li l-viżitaturi kollha jiġu kkontrollati qabel ma jaslu.

Għaldaqstant, l-ETIAS se ssaħħaħ is-sigurtà interna tal-UE f'żewġ modi: l-ewwel, permezz tal-identifikazzjoni tal-persuni li jirrappreżentaw riskju għas-sigurtà qabel ma jaslu fil-fruntiera esterna ta' Schengen; u t-tieni, billi toffri informazzjoni lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi nazzjonali u lill-Europol, fejn ikun meħtieġ.

Illum, madwar 1,4 biljun persuna minn madwar 60 pajjiż madwar id-dinja jistgħu jibbenefikaw minn ivvjaġġar mingħajr viża lejn l-Unjoni Ewropea. In-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi eżenti mill-viża li jżuru l-pajjiżi ta' Schengen se jkompli jikber, b'żieda mistennija minn 30 miljun fl-2014 għal 39 miljun fl-2020.

Dawn iċ-ċifri juru l-ħtieġa li tiġi stabbilita sistema li tista' tivvaluta u timmaniġġja r-riskji ta' migrazzjoni irregolari u ta' sigurtà rrappreżentati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jżuru l-UE, skont l-għanijiet tal-politika tal-UE dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża.

Għaldaqstant l-ETIAS hija meħtieġa wkoll sabiex tiffaċilita l-qsim tal-fruntieri esterni ta' Schengen minn ċittadini ta' pajjiżi terzi eżenti mill-viża. L-awtorizzazzjoni tal-ETIAS tinkiseb permezz ta' proċess ta' applikazzjoni, li jkun sempliċi, irħis, rapidu u li fil-parti l-kbira tal-każijiet ma jkun jeħtieġ l-ebda pass ieħor ta' verifika. Ladarba l-applikanti jirċievu l-awtorizzazzjoni tal-ivvjaġġar, dawn ikollhom indikazzjoni bikrija affidabbli li se jitħallew jidħlu fiż-żona Schengen. Dan huwa titjib sinifikanti għall-vjaġġaturi meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali.

Anki jekk id-deċiżjoni finali dwar il-permess tad-dħul fiż-Żona Schengen tibqa' f'idejn il-gwardja tal-fruntiera fuq il-fruntieri esterni skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, l-ETIAS se tnaqqas b'mod sostanzjali l-għadd ta' każijiet ta' rifjut tad-dħul fil-punt ta' qsim tal-fruntiera. Il-gwardji tal-fruntiera se jkunu jistgħu jaraw jekk

il-persuna ta’ quddiemhom kisbitx awtorizzazzjoni tal-ivvjaġġar jew le qabel ma waslet fil-fruntiera. Il-persuni li ma jingħatawx awtorizzazzjoni ma jaħlux ħin u flus biex jivvjaġġaw lejn iż-Żona Schengen. B’dan il-mod l-ETIAS tnaqqas ukoll l-ispejjeż għat-trasportaturi biex jieħdu lura lill-passiġġieri mill-fruntieri marittimi u mill-fruntieri tal-ajru.

Għanijiet speċifiċi tal-politika:

L-għanijiet speċifiċi ewlenin tal-politika tal-ETIAS huma li:

(1) Ittejjeb l-effettività tal-kontrolli fuq il-fruntiera billi tintroduċi rekwiżit ta’ awtorizzazzjoni ta’ vvjaġġar minn qabel għall-vjaġġaturi eżenti mill-viża;

(2) Tiżgura valutazzjoni kkoordinata u omoġenea ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi b’eżenzjoni mill-viża billi tikkonsulta lill-Istati Membri rilevanti fejn ikun meħtieġ;

(3) Tnaqqas in-numru ta’ rifjuti tad-dħul fuq il-fruntieri esterni u b’hekk tnaqqas l-ammont ta’ xogħol tal-gwardja tal-fruntiera fl-immaniġġjar ta’ dawn il-każijiet.

(4) Tikkontribwixxi għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar u l-investigazzjoni ta’ reati terroristiċi jew ta’ reati kriminali serji oħra.

*1.5.4. L-indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

Matul l-iżvilupp

Wara l-approvazzjoni tal-abbozz ta' proposta u l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, is-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) (magħmula minn Sistema Ċentrali, Interfaċċa Nazzjonali Uniformi (NUI) f’kull Stat Membru, Infrastruttura ta’ Komunikazzjoni sigura bejn is-Sistema Ċentrali u l-Interfaċċi Nazzjonali Uniformi, sit web pubbliku u applikazzjoni mobbli għall-apparat mobbli, servizz tal-email, servizz ta’ kontijiet siguri, portal trasportatur, servizz web u softwer li jippermetti lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS u lill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jipproċessaw l-applikazzjonijiet) se tkun żviluppata mill-eu-LISA.

eu-LISA se tikkoordina wkoll l-integrazzjoni tal-NUI mwettqa mill-Istati Membri fuq livell nazzjonali. Hemm definita governanza globali ddettaljata għall-fażi tal-iżvilupp kif ukoll għall-ħtiġijiet ta’ rappurtar lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Għall-iżvilupp tas-Sistema ta' informazzjoni tal-ETIAS, l-eu-LISA se tuża mill-ġdid kemm huwa teknikament possibbli l-komponenti tal-ħardwer u tas-softwer tal-EES. Fejn huwa teknikament possibbli, is-Sistema ta' informazzjoni tal-ETIAS se tikkondividi l-komponenti ta’ ħardwer u tas-softwer tal-EES. B’mod partikolari, l-Interfaċċa Nazzjonali Uniformi (NUI) tal-ETIAS se tkun żviluppata bħala funzjonalità ġdida tal-EES NUI.

L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta se tistabbilixxi l-Unità Ċentrali tal-ETIAS li se timmaniġġja l-fajls tal-applikazzjonijiet tal-ETIAS u d-dejta

maħżuna fl-ETIAS. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS se tkun responsabbli mill-verifika ta' jekk id-dejta rreġistrata fil-fajl tal-applikazzjoni tikkorrispondix mad-dejta li tkun fir-reġistru, fil-fajl jew fit-twissija rreġistrata f'sistema ta' informazzjoni jew fis-settijiet predeterminati ta' dejta tar-regoli tal-iskrinjar. Fejn id-dejta tikkorrispondi, jew fejn jibqgħu dubji dwar l-identità tal-applikant, l-applikazzjoni tiġi ttrasferita għall-valutazzjoni għand l-Unità Nazzjonali tal-ETIAS tal-Istat Membru li fih huwa intenzjonat id-dħul. Għaldaqstant, kull Stat Membru se jkollu jistabbilixxi Unità Nazzjonali tal-ETIAS li tamministra l-fajls tal-applikazzjonijiet tal-ETIAS mibgħuta lilhom.

Għan Speċifiku: Lest biex jibda jopera mill-2021.

Indikatur: Biex tibda taħdem, l-eu-LISA innotifikat li lestiet b'suċċess prova komprensiva tal-ETIAS li se ssir mill-Aġenzija flimkien mal-Istati Membri, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta nnotifikat li l-Unità Ċentrali għandha l-kapaċità disponibbli biex timmaniġġja l-volum ta' applikazzjonijiet mistenni u l-Istati Membri nnotifikaw li l-Unitajiet Nazzjonali tagħhom huma lesti biex jimmaniġġjaw il-volum ta' applikazzjonijiet mistenni.

Ladarba s-sistema tibda topera

l-eu-LISA se tiżgura li jkun hemm fis-seħħ sistemi sabiex jikkontrollaw il-funzjonament tas-Sistema ta' informazzjoni Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) skont l-għanijiet. Sentejn wara li s-sistema tibda taħdem u kull sentejn wara dan, eu-LISA għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar il-funzjonament tekniku tas-sistema inkluża s-sigurtà tagħha.

L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tiżgura li d-dejta maħżuna fil-fajls tal-applikazzjonijiet u fis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS hija korretta u aġġornata, għandha timmaniġġja l-indikaturi tar-riskju speċifiku u l-Lista ta' Sorveljanza tal-ETIAS u twettaq awditu regolari tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet.

Barra minn hekk, tliet snin wara li l-ETIAS tibda topera u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tipprepara evalwazzjoni kumplessiva tas-sistema. Din l-evalwazzjoni ġenerali tinkludi analiżi tar-riżultati miksuba meta mqabbla mal-għanijiet u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali u valutazzjoni tal-validità kontinwa tar-raġuni sottostanti, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-sigurtà tal-ETIAS u kwalunkwe implikazzjoni għal operazzjonijiet futuri, u tagħmel kull rakkomandazzjoni neċessarja. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Għan Speċifiku: ittejjeb l-effettività tal-kontrolli fuq il-fruntiera billi tintroduċi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni ta' vvjaġġar minn qabel għall-vjaġġaturi eżenti mill-viża;

Indikatur:

Il-proporzjon ta' applikazzjonijiet li ma kinux aċċettati mill-ipproċessar awtomatiku u ġew immaniġġjati mill-Unità Ċentrali u/jew l-Unitajiet Nazzjonali u li, la huma korrezzjonijiet ta' żbalji fattwali u lanqas diżambigwità (= is-soluzzjoni għal meta titħallat persuna b'omonimu, li hija rreġistrata f'waħda mill-bażijiet tad-dejta kkonsultati mill-ETIAS).

Il-proporzjon ta' awtorizzazzjonijiet tal-ivvjaġġar mogħtija li ġew revokati fuq il-bażi ta' informazzjoni aġġornata fil-bażijiet tad-dejta aċċessati mill-ETIAS.

Il-proporzjon ta' awtorizzazzjonijiet tal-ivvjaġġar mogħtija li ġew segwiti minn rifjut tad-dħul fil-punt ta' qsim tal-fruntiera.

Għan Speċifiku: Tiżgura valutazzjoni kkoordinata u omoġenea ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi eżenti mill-viża billi tikkonsulta lill-Istati Membri rilevanti fejn ikun meħtieġ.

Indikatur:

Il-proporzjon ta' applikazzjonijiet li ma kinux aċċettati mill-ipproċessar awtomatiku u li ġew ivvalutati mill-Unitajiet Nazzjonali tal-Istati Membri mqabbel mal-valuri fil-mira stipulati fuq il-bażi tal-prattika attwali.

Għan Speċifiku: It-tnaqqis tan-numru ta' rifjuti tad-dħul fuq il-fruntieri esterni

Indikatur:

In-numru ta' applikazzjonijiet irrifjutati mill-ETIAS imqabbel man-numru attwali ta' rifjut tad-dħul fil-punt ta' qsim tal-fruntiera.

In-numru ta' vjaġġaturi li rċevew awtorizzazzjoni tal-ivvjaġġar u li jiġu rrifjutati milli jidħlu fil-punt ta' qsim tal-fruntiera.

## 1.6. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

### *1.6.1. Rekwiżit(i) li għandu/hom jiġi/u ssodisfat(i) fi żmien qasir jew twil*

(1) Is-salvagwardja u l-ikkomplementar tal-politika tal-UE dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża. Meta l-vjaġġaturi jkunu meħtieġa li jkollhom viża, ammont kbir ta' informazzjoni jkun disponibbli qabel ma jaslu fiż-żona Schengen u din tibqa' rreġistrata fil-VIS għal ħames snin wara d-data tal-iskadenza tal-viża. Ladarba l-vjaġġaturi ta' pajjiż partikolari jsiru eżenti mill-viża ma jkun hemm ebda informazzjoni disponibbli qabel il-qsim tal-fruntiera. Dan in-"nuqqas ta' informazzjoni" għall-vjaġġaturi eżenti mill-viża jrid jitnaqqas peress li l-eżenzjoni mill-viża tipprevedi riskju medju baxx fl-immigrazzjoni, li iżda jista' jkun differenti ħafna skont kull individwu u mhux bilfors ifisser riskju baxx għas-sigurtà. Għaldaqstant jeħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tivvaluta b'mod individwali r-riskju potenzjali ta' immigrazzjoni u ta' sigurtà maħluq minn kull vjaġġatur eżenti mill-viża.

(2) Iż-żamma u t-tisħiħ tal-kwalità ta’ ġestjoni tal-fruntieri ta’ Schengen, b’mod partikolari fil-fruntiera fuq l-art. Biex tipprovdi għall-valutazzjoni tar-riskju tas-sigurtà, tal-migrazzjoni u tas-saħħa pubblika meħtieġa, l-ETIAS se tintroduċi saff ieħor ta’ kontroll sistematiku b’paragun mal-lum, billi tippermetti kontrolli bikrija mqabbla mal-bażijiet tad-dejta rilevanti, qabel mal-vjaġġaturi jaslu fuq il-fruntieri esterni.

(3) Tiżdied il-konvenjenza tal-ivvjaġġar. L-ETIAS se tnaqqas b’mod sostanzjali n-numru ta’ każijiet ta’ rifjut tad-dħul. Il-persuni li ma jingħatawx awtorizzazzjoni ma jaħlux ħin u flus biex jivvjaġġaw lejn il-punti ta’ qsim tal-fruntieri esterni ta’ Schengen. L-ETIAS se tnaqqas ukoll l-ispejjeż ta’ ritorn għat-trasportaturi fuq il-fruntieri marittimi u dawk tal-ajru.

(4) Il-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali, it-terroriżmu u theddid ieħor għas-sigurtà hija msaħħa.

*1.6.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tidentifika l-“ġestjoni tal-fruntieri” bħala waħda mill-“erba’ pilastri biex tiġi mmaniġġjata aħjar il-migrazzjoni”. Is-sigurtà tal-fruntieri esterni u l-ġestjoni aktar effiċjenti tagħhom timplika li jsir użu aħjar mill-opportunitajiet offruti mis-sistemi u mit-teknoloġiji tal-IT. L-użu tat-tliet sistemi eżistenti tal-IT fuq skala kbira tal-UE (SIS, VIS u Eurodac) jagħti benefiċċji għall-ġestjoni tal-fruntieri. Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), ladarba tiġi implimentata, se żżid l-effiċjenza tal-qsim tal-fruntieri. Madankollu, l-unika informazzjoni dwar il-persuni eżenti mill-viża tiġi mid-dokument tal-ivvjaġġar tagħhom. Fil-każ tal-vjaġġaturi bl-ajru jew bil-baħar din tista’ tkun issupplimentata qabel jaslu bid-dejta tal-API. Taħt id-direttiva proposta dwar il-PNR, id-dejta tal-PNR tagħhom tinġabar ukoll jekk jaslu fl-UE bl-ajru. Għall-persuni li jidħlu fl-UE mill-fruntieri fuq l-art, l-ebda informazzjoni ma tkun disponibbli qabel ma jaslu fuq il-fruntieri esterni tal-UE.

Din il-lakuna tista’ timtela permezz tas-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u Awtorizzazzjoni għall-Ivjaġġar li se tiġbor informazzjoni dwar il-vjaġġaturi eżenti mill-viża qabel ma jaslu fuq il-fruntieri u b’hekk ittaffi l-piż tar-riżorsi tal-kontroll fuq il-fruntiera u tawtomatizza ċerti kompiti u attivitajiet relatati mal-kontroll fuq il-fruntiera. Din l-awtomatizzazzjoni se tiżgura kontroll omoġenju u sistematiku tal-perjodu awtorizzat ta' permanenza ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi. Il-vjaġġaturi se jintalbu jdaħħlu sett ta’ dejta f’formola ta’ applikazzjoni onlajn qabel id-data tal-vjaġġ tagħhom. Wara skrinjar ibbażat fuq sett ta’ kriterji ta’ riskju (pereż. relatati mal-migrazzjoni u mas-sigurtà), dawn jiġu nnotifikati dwar l-approvazzjoni jew ir-rifjut tal-awtorizzazzjoni tal-ivvjaġġar tagħhom. Il-parti l-kbira tal-applikazzjonijiet jiġu approvati b’mod awtomatiku fi ftit minuti u d-deċiżjoni tiġi kkollegata b’mod elettroniku mal-passaport tal-vjaġġatur[3]. Pereżempju fil-każ tal-ivvjaġġar bl-ajruplan jew bil-vapur, it-trasportaturi jivverifikaw fiċ-check-in, jekk il-passiġġier għandux awtorizzazzjoni valida tal-ivvjaġġar sabiex jagħtuh, jew ma jagħtuhx, id-dritt li jitla’ abbord l-ajruplan jew il-vapur. Meta wieħed jasal fuq fruntiera fuq l-art bil-karozza

[3] Ta’ min jinnota hawnhekk li l-pussess ta’ passaport elettroniku normalment huwa prekondizzjoni biex wieħed jidħol fi skema ta’ eżenzjoni mill-viża.

tiegħu jew bix-xarabank jew bil-ferrovija, il-gwardji tal-fruntiera jiċċekkjaw il-validità tal-awtorizzazzjoni tal-ivvjaġġar.

L-użu tal-ETIAS flimkien ma' possibbiltajiet ġodda għall-użu ta' sistemi self-service u soluzzjonijiet ta' kontroll fil-fruntieri awtomatiċi jew semiawtomatiċi se jiffaċilitaw il-ħidma tal-gwardji tal-fruntiera u jgħinuhom jassorbu ż-żieda prevista ta' qsim tal-fruntieri. Mill-perspettiva tal-vjaġġatur, dan se jwassal għall-faċilitazzjoni tal-qsim tal-fruntieri, peress li l-ħin ta' stennija se jitnaqqas u l-kontrolli fil-fruntiera se jkunu aktar rapidi.

Għalkemm l-Istati Membri jistgħu jżommu s-sistemi nazzjonali tagħhom skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali relatata mas-sigurtà, Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jkollhom aċċess għad-dejta dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi eżenti mill-viża li qasmu l-fruntiera esterna tal-UE.

*1.6.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat*

L-esperjenza fl-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) tat it-tagħlimiet li ġejjin:

1) Bħala salvagwardja possibbli kontra spejjeż li jiżdiedu lil hinn mill-istimi u dewmien li jirriżulta minn bidla fil-kundizzjonijiet, kull sistema tal-informazzjoni ġdida fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, partikolarment jekk tkun tinvolvi sistema tal-IT fuq skala kbira, ma tiġix żviluppata qabel mal-istrumenti legali li jistabbilixxu l-għanijiet, l-iskop, il-funzjonijiet u d-dettalji tekniċi tagħha jkunu ġew adottati b'mod definittiv.

2) Għall-SIS II u l-VIS, l-iżviluppi nazzjonali tal-Istati Membri jistgħu jiġu kkofinanzjati taħt il-Fond għall-Fruntieri Esterni (FFE) iżda dan ma kienx obbligatorju. Għalhekk ma kienx possibbli li tittieħed ħarsa ġenerali lejn il-livell ta' progress f'dawk l-Istati Membri li ma kinux ipprevedew l-attivitajiet rispettivi fil-programmar pluriennali tagħhom jew li kellhom nuqqas ta' preċiżjoni fil-programmar tagħhom. Għalhekk, qed jiġi propost li l-Kummissjoni tirrimborża l-ispejjeż kollha ta' integrazzjoni mġarrba mill-Istat Membru, sabiex tkun tista' tissorvelja l-progress ta' dawn l-iżviluppi.

3) Bl-għan li tiffaċilita l-koordinazzjoni ġenerali tal-implimentazzjoni, eu-LISA mhux biss se tiżviluppa biss is-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS iżda wkoll interfaċċa nazzjonali uniformi (NUI) komuni li tintuża mill-Istati Membri kollha sabiex jgħaqqdu l-infrastruttura tal-IT eżistenti tagħhom fil-fruntieri nazzjonali u l-Unitajiet Nazzjonali li se jwettqu l-valutazzjoni tar-riskju u jiddeċiedu dwar il-każijiet riferuti lill-Istati Membri mill-Unità Ċentrali.

*1.6.4. Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa*

Din il-proposta għandha titqies bħala l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li jinsabu fil-Komunikazzjoni tas-6 ta' April 2016 dwar *"Sistemi ta' Informazzjoni aktar*

*b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà*"[4] li tenfasizza l-ħtieġa li l-UE ssaħħaħ u ttejjeb is-sistemi tal-IT tagħha, l-arkitettura tad-dejta u l-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, l-infurzar tal-liġi u l-ġlieda kontra t-terroriżmu

Il-Komunikazzjoni tal-14 ta' Settembru 2016 *"It-titjib tas-sigurtà f'dinja ta' mobilità: skambju mtejjeb tal-informazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u fruntieri esterni li jifilħu aktar"*[5] tikkonferma l-prijorità ta' fruntieri esterni aktar siguri u tippreżenta inizjattivi konkreti biex jitħaffef u jitwessa' r-rispons tal-UE biex tkompli tissaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Hija tħabbar li l-Kummissjoni se tagħti prijorità lill-iżvilupp tal-ETIAS, u se tadotta proposta leġiżlattiva għall-istabbiliment ta' sistema bħal din sa Novembru 2016, deċiżjoni li ġiet enfasizzata wkoll mill-President Juncker fid-diskors tiegħu tal-Istat tal-Unjoni quddiem il-Parlament Ewropew tal-istess ġurnata[6].

B'mod aktar operattiv din il-proposta għandha titqies ukoll bħala parti mill-iżvilupp kontinwu tal-Istrateġija dwar il-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll flimkien mal-fruntieri tal-ISF[7], bħala parti mill-MFF, ir-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA[8] u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta[9]. Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża mal-proposta tal-Kummissjoni għall-eu-LISA[10] tkopri l-ispejjeż għas-sistemi eżistenti tal-IT EURODAC, SIS II, VIS iżda mhux għas-sistemi futuri tal-ġestjoni tal-fruntieri li għadhom ma ingħatawx lill-Aġenzija permezz ta' qafas legali. Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) se tikkumplimenta lill-VIS u lill-EES[11]. Il-VIS tinkludi biss applikazzjonijiet għal viża u viżi maħruġa, l-EES se taħżen dejta konkreta dwar id-dħul u l-ħruġ relatata mal-viżi maħruġa filwaqt li l-ETIAS se tinkludi informazzjoni dwar iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi eżenti mill-viża.

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża mal-proposta tal-Kummissjoni għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ma tkoprix lanqas il-

[4] COM(2016) 205 final.

[5] COM(2016) 602 final.

[6] Diskors disponibbli fuq: http://europa.eu/rapid/press-release_SPEECH-16-3043_mt.htm

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE.

[8] Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. L-Artikolu 1.3 "L-Aġenzija tista' wkoll tkun responsabbli għat-tħejjija, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja barra minn dawk imsemmija fil-paragrafu 2, biss jekk dan ikun previst mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti...".

[9] Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE.

[10] COM(2010) 93 tad-19 ta' Marzu 2010.

[11] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/GAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra u r-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' dejta bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS).

kompitu ta' twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju effettiva tal-applikazzjonijiet ta' vjaġġaturi eżenti mill-viża peress li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta oriġinarjament ma kinitx fdata bit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar vjaġġaturi speċifiċi.

## 1.7. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva b'effett minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

– Perjodu preparatorju mill-2017,

– Implimentazzjoni b'perjodu għall-introduzzjoni mill-2018 sal-2020,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa fl-2021.

## 1.8. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[12]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☒ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi li ħatru;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (li għandhom jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☒ il-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi ta' dritt pubbliku;

– ☐ korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku diment li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

---

[12] Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Ir-Regolament tal-fruntieri FSI huwa l-istrument finanzjarju fejn ġie inkluż il-baġit għall-implimentazzjoni tal-pakkett tal-fruntieri intelliġenti.

Fl-Artikolu 5 huwa jipprevedi li EUR 791 miljun jiġu implimentati permezz ta' programm għat-twaqqif ta' sistemi tal-IT li jappoġġjaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15. Minn dawn is-EUR 791 miljun, EUR 480 miljun huma riservati għall-iżvilupp tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. Parti mill-bqija, EUR 311 miljun, se tintuża għall-ETIAS.

Rigward il-metodi ta' implimentazzjoni, ir-Regolament tal-Fruntieri FSI jipprevedi kif ġej:

L-aħħar paragrafu tal-Artikolu 5(4) jipprevedi li "*l-metodu(i) ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-programm dwar l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT, ibbażati fuq sistemi tal-IT eżistenti u/jew ġodda, għandhom jiġu stabbiliti fl-atti leġislattivi rilevanti tal-Unjoni soġġett għall-adozzjoni tagħhom*".

L-Artikolu 15 jistipula kif ġej: *"Il-programm dwar l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT, abbażi ta' sistemi tal-IT eżistenti u/jew ġodda, għandu jiġi implimentat prevja l-adozzjoni tal-atti leġislattivi tal-Unjoni li jiddefinixxu dawk is-sistemi tal-IT u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom bil-għan, b'mod partikolari, li tittejjeb il-ġestjoni u l-kontroll ta' flussi ta' ivvjaġġar fil-fruntieri esterni billi jissaħħu l-kontrolli filwaqt li jitħaffef il-qsim tal-fruntieri għal vjaġġaturi regolari. Fejn xieraq, jinstabu sinerġiji mas-sistemi eżistenti ta' IT sabiex jiġi evitat l-infiq doppju.*

*It-tqassim tal-ammont imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 5(5) għandu jiġi definit jew fl-atti leġislattivi rilevanti tal-Unjoni jew, insegwitu tal-adozzjoni ta' dawk l-atti leġislattivi, permezz ta' att delegat b'mod konformi mal-Artikolu 17."*

Il-metodi ta' implimentazzjoni previsti fil-proposta huma dawn li ġejjin:

**1) Ġestjoni indiretta**: Matul il-perjodu 2018-2020, l-iżvilupp tas-sistema ta' informazzjoni tal-ETIAS se jiġi eżegwit minn eu-LISA. Dan se jkopri l-iżvilupp ta' parti mill-oqsma kollha tal-IT tal-proġett, jiġifieri Sistema Ċentrali, Interfaċċa Nazzjonali Uniformi (NUI) f'kull Stat Membru, Infrastruttura ta' Komunikazzjoni sigura bejn is-Sistema Ċentrali u l-Interfaċċi Nazzjonali Uniformi, sit web pubbliku u applikazzjoni għall-apparat mobbli, servizz tal-email, servizz ta' kontijiet siguri, portal trasportatur, servizz web u softwer li jippermetti lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS u lill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jipproċessaw l-applikazzjonijiet. Matul il-perjodu tal-operat li se jibda fl-2021, l-eu-LISA se twettaq l-attivitajiet tekniċi kollha marbuta mal-manutenzjoni tas-sistema ta' informazzjoni tal-ETIAS.

Mill-2018, huwa previst li jiġi ttrasferit ammont totali ta' EUR 100,8 miljun mill-FSI lil-linja baġitarja ta' eu-LISA, biex jitkoprew dawn l-attivitajiet matul il-perjodu ta' żvilupp.

Fl-2020, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta se tistabbilixxi l-Unità Ċentrali tal-ETIAS. Dan se jkopri l-preparazzjoni tal-ispazju għall-uffiċċji, l-akkwist u l-installazzjoni tat-tagħmir tal-IT li jrid jintuża mill-persunal u r-reklutaġġ u t-taħriġ tal-membri tal-persunal tal-Unità Ċentrali. Matul il-perjodu tal-operazzjonijiet li jibda fl-2021, l-Unità

Ċentrali tal-ETIAS se twettaq l-attivitajiet operazzjonali relatati mal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tal-ETIAS kif deskritt fl-Artikolu 7.

Fl-2020, huwa previst li jiġi ttrasferit l-ammont totali ta’ EUR 12,3 miljun mill-FSI lil-linja baġitarja tal-Aġenzija EBCG biex jiġi kopert it-twaqqif tal-Unità Ċentrali tal-ETIAS.

2) **Ġestjoni kondiviża mid-DĠ HOME**: Matul il-fażi ta’ żvilupp (2018-2020) il-Kummissjoni se tonfoq ammont totali ta’ EUR 92,3 miljun għall-ispejjeż relatati mal-integrazzjoni u l-operat tal-NUI tal-Istati Membri. Fl-2020, l-Istati Membri se jistabbilixxu l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS tagħhom. Ammont ta’ EUR 4,2 miljun se jkun magħmul disponibbli permezz tal-programmi nazzjonali tal-FSI għal dan il-għan. Dan se jkopri l-akkwist u l-installazzjoni tat-tagħmir tal-IT li jrid jintuża mill-persunal u r-reklutaġġ u t-taħriġ tal-membri tal-persunal tal-Unità Ċentrali. Matul l-operazzjonijiet li se jibdew fl-2021 l-Istati Membri se jipprovdu l-persunal meħtieġ għal dawn l-operazzjonijiet (24siegħa/24siegħa) u l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS se jwettqu l-attivitajiet operazzjonali relatati mal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tal-ETIAS kif deskritt fl-Artikolu 8. L-ammonti għal kull Stat Membru se jiġu ddeterminati f’Anness għar-regolament u implimentati bl-aktar mod xieraq biex jinkisbu l-objettivi operazzjonali.

Il-bqija tal-baġit tal-linja ta' Fruntieri Intelliġenti (l-allokazzjoni inizjali ta' EUR 311 miljun nieqes EUR 209,9* miljun għall-baġit ta' ETIAS = EUR 100,8 miljun) se jintuża kif definit fl-Artikolu 5(5) b tar-Regolament (UE) Nru 515/2014 (ISF-B).

**Minbarra l-ispejjeż taħt l-intestatura 5*

| Blokki | Fażi ta’ żvilupp (2018-2020) | Fażi tal-operazzjonijiet (2021) | Il-mod ta' ġestjoni | Attur |
|---|---|---|---|---|
| Netwerk | X | X | Indirett | Eu-LISA |
| Żvilupp u Manutenzjoni tas-Sistema Ċentrali | X | X | Indirett | Eu-LISA |
| Tħaddim tas-Sistema Ċentrali | | X | Indirett | EBCGA |
| Żvilupp tal-Interfaċċa Nazzjonali Uniformi (NUI) | X | | Indirett | Eu-LISA |
| Integrazzjoni NUI u amministrazzjoni relatata matul l-iżvilupp | X | X | Kondiviż | IL-KUMMISSJONI |
| Manutenzjoni tas-Sistemi | X | X | Kondiviż | IL- |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Nazzjonali | | | | KUMMISSJONI |

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Ir-regoli dwar l-iżvilupp u l-ġestjoni teknika tas-Sistema ta' informazzjoni Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) huma deskritti fil-Kapitolu XIII (u b'mod partikolari l-Artikoli 63 u 64) tal-proposta. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni huma deskritti fl-Artikolu 81:

1. L-eu-LISA għandha tiżgura li jkun hemm proċeduri fis-seħħ sabiex jiġi mmonitorjat l-iżvilupp tas-Sistema ta' informazzjoni ETIAS fid-dawl tal-objettivi relatati mal-ippjanar u l-ispejjeż, u li jiġi mmonitorjat il-funzjonament tal-ETIAS fid-dawl tal-objettivi relatati mar-rendiment tekniku, il-kosteffettività, is-sigurtà u l-kwalità tas-servizz.

2. Sa sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u kull sitt xhur wara, waqt il-fażi tal-iżvilupp tas-Sistema ta' informazzjoni ETIAS, eu-LISA għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istat attwali tal-iżvilupp tas-Sistema Ċentrali, l-Interfaċċi Uniformi u l-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni bejn is-Sistema Ċentrali u l-Interfaċċi Uniformi. Ladarba jiġi ffinalizzat l-iżvilupp, għandu jiġi ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jispjega fid-dettall kif ikunu intlaħqu l-objettivi, b'mod partikolari dawk marbuta mal-ippjanar u mal-ispejjeż, kif ukoll ġustifikazzjoni għal kwalunkwe diverġenza.

3. Għall-finijiet tal-manutenzjoni teknika, l-eu-LISA għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni neċessarja marbuta mal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-dejta mwettqa fis-Sistema ta' informazzjoni ETIAS.

4. Sentejn wara li tkun bdiet topera l-ETIAS u kull sentejn wara dan, l-eu-LISA għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar il-funzjonament tekniku tas-Sistema ta' informazzjoni ETIAS, inkluż is-sigurtà tagħha.

5. Tliet snin wara li l-ETIAS tkun tibda topera u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tħejji evalwazzjoni ġenerali tal-ETIAS u għandha tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni meħtieġa. Din l-evalwazzjoni ġenerali għandha tinkludi: ir-riżultati miksuba mill-ETIAS b'kunsiderazzjoni tal-objettivi, il-mandat u l-kompiti tagħha; l-impatt, l-effettività u l-effiċjenza tal-prestazzjoni tal-ETIAS u l-prattiki ta' ħidma tagħha b'rabta mal-għanijiet, il-mandat u l-kompiti tagħha; ir-regoli tal-ipproċessar awtomatiku tal-applikazzjonijiet użat għall-valutazzjoni tar-riskju; il-ħtieġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-Unità Ċentrali tal-ETIAS; l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din; l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. L-Istati Membri u l-Europol għandhom jipprovdu lill-eu-LISA, lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-abbozzar tar-rapporti msemmija fil-paragrafi 4 u 5 skont l-indikaturi kwantitattivi definiti minn qabel mill-Kummissjoni u/jew minn eu-LISA. Din l-informazzjoni ma għandhiex tippreġudika l-metodi ta' ħidma u lanqas tinkludi informazzjoni li tiżvela s-sorsi, il-membri tal-persunal jew l-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet maħtura.

7. L-eu-LISA u l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa sabiex tipproduċi l-evalwazzjonijiet ġenerali msemmija fil-paragrafu 5.

8. Filwaqt li jirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni sensittiva, kull Stat Membru u l-Europol għandhom iħejju rapporti annwali dwar l-effikaċja tal-aċċess għad-dejta tas-Sistema ta' informazzjoni ETIAS għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi li jkun fihom informazzjoni u statistika dwar:

- l-iskop preċiż tal-konsultazzjoni inkluż it-tip ta' reat terroristiku jew reat kriminali serju;

- raġunijiet raġonevoli mogħtija għas-suspett sostanzjat li l-persuna ssuspettata, l-awtur jew il-vittma tkun koperta b'dan ir-Regolament;

- l-għadd ta' talbiet għall-aċċess għas-Sistema ta' informazzjoni ETIAS għall-fini ta' infurzar tal-liġi;

- l-għadd u t-tip ta' każijiet li rriżultaw f'identifikazzjonijiet pożittivi;

- il-ħtieġa u l-użu magħmula mill-każ eċċezzjonali ta' urġenza inklużi dawk il-każijiet fejn din l-urġenza ma tkunx ġietx aċċettata mill-verifika *ex post* magħmula mill-punt ta' aċċess ċentrali.

Ir-rapporti annwali tal-Istati Membri u tal-Europol għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

## 2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll

### *2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)*

1) Diffikultajiet fl-iżvilupp tekniku tas-sistema

Is-sistema ċentrali tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u Awtorizzazzjoni tista' teħtieġ interfaċċi addizzjonali għall-partijiet ikkonċernati bħal pereżempju a) għat-trasportaturi bl-ajru u bil-baħar u b) għall-banek għall-ġbir tal-informazzjoni dwar il-karta tal-kreditu c) għall-vjaġġaturi li jkunu jeħtieġu rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi. L-istabbiliment ta' pjattaforma amminstrattiva kbira li topera 24 siegħa kuljum biex tissorvelja s-sistema u timmaniġġja dawk il-każijiet li jkunu jeħtieġu trattament manwali kif ukoll l-istabbiliment ta' regoli awtomatizzati li jippermettu valutazzjoni tat-talbiet jista' jkun ikkumplikat.

L-Istati Membri għandhom sistemi tal-IT nazzjonali teknikament differenti. Barra minn hekk, il-proċessi tal-kontroll tal-fruntieri jistgħu jvarjaw skont iċ-ċirkostanzi

lokali (spazju disponibbli fil-punt tal-qsim tal-fruntiera, il-flussi tal-vjaġġaturi, eċċ.). L-ETIAS trid tiġi integrata fl-arkitettura tal-IT nazzjonali u tal-proċessi nazzjonali għall-kontroll tal-fruntiera. Barra minn hekk, l-integrazzjoni tal-Interfaċċi Nazzjonali Uniformi (NUIs) trid tkun kompletament allinjata mar-rekwiżiti ċentrali.

Jibqa' r-riskju li l-aspetti tekniċi u legali tal-ETIAS jistgħu jiġu implimentati b'modi differenti minn Stati Membri differenti, minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni bejn in-naħa ċentrali u dik nazzjonali. Il-kunċett tal-NUI previst għandu jtaffi dan ir-riskju.

2) Diffikultajiet rigward l-iżvilupp fil-ħin

Mill-esperjenza miksuba matul l-iżvilupp tal-VIS u s-SIS II, wieħed jista' jantiċipa li fattur kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-ETIAS se jkun l-iżvilupp fil-ħin tas-sistema minn kuntrattur estern. Bħala ċentru ta' eċċellenza fil-qasam tal-iżvilupp u l-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-eu-LISA se tkun responsabbli wkoll għall-għoti u l-ġestjoni tal-kuntratti, partikolarment għas-sottokuntrattar tal-iżvilupp tas-sistema. Hemm diversi riskji relatati mal-użu ta' kuntrattur estern għal din il-ħidma ta' żvilupp:

a) b'mod partikolari, ir-riskju li l-kuntrattur jonqos milli jalloka biżżejjed riżorsi għall-proġett jew li jfassal u jiżviluppa sistema li mhijiex l-iktar avvanzata;

b) ir-riskju li t-tekniki u metodi amministrattivi li jimmaniġġjaw proġetti tal-IT fuq skala kbira ma jiġux irrispettati bis-sħiħ, bħala mezz ta' tnaqqis tal-ispejjeż mill-kuntrattur;

c) fl-aħħar nett, ir-riskju li l-kuntrattur jaffaċċja diffikultajiet finanzjarji għal raġunijiet esterni għal dan il-proġett ma jistax jiġi eskluż kompletament.

### 2.2.2. *Tagħrif fuq it-twaqqif tas-sistema ta' kontroll intern*

L-Aġenzija hija maħsuba li tkun ċentru ta' eċċellenza fil-qasam tal-iżvilupp u tal-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Hija se tkun qed twettaq l-attivitajiet marbuta mal-iżvilupp u l-operat tal-parti ċentrali tas-sistema inklużi interfaċċi uniformi fl-Istati Membri u n-netwerks. Dan se jippermetti li jiġu evitati ħafna mill-iżvantaġġi li l-Kummissjoni affaċċjat meta kienet qed tiżviluppa s-SIS II u l-VIS.

Matul il-fażi ta' żvilupp (2018-2020), l-attivitajiet kollha ta' żvilupp se jiġu eżegwiti minn eu-LISA. Dan se jkopri l-parti tal-iżvilupp tal-oqsma kollha tal-proġett, jiġifieri s-Sistema Ċentrali, l-Interfaċċa Nazzjonali Uniformi (NUI), l-infrastruttura tal-komunikazzjoni bejn is-Sistema Ċentrali u l-Interfaċċa Nazzjonali Uniformi, kwalunkwe Kanal ta' Komunikazzjoni Sigura bejn is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS u Sistemi Ċentrali oħrajn. L-ispejjeż għall-integrazzjoni tal-NUI kif ukoll dawk li jirrigwardaw l-amministrazzjoni tas-sistemi fl-Istati Membri matul l-iżvilupp se jkunu ġestiti mill-Kummissjoni permezz ta' ġestjoni kondiviża jew għotjiet.

Matul il-fażi operattiva li se tibda fl-2021, l-eu-LISA se tkun responsabbli għall-ġestjoni teknika u finanzjarja tas-sistema ċentrali, b'mod speċjali l-għoti u l-ġestjoni tal-kuntratti filwaqt li l-Kummissjoni se tamministra l-fondi lill-Istati Membri għall-ispejjeż tal-Unitajiet Nazzjonali permezz tal-FSI/Fruntieri (il-programmi nazzjonali).

Sabiex jiġi evitat id-dewmien fil-livell nazzjonali, trid tiġi prevista governanza effiċjenti bejn il-partijiet ikkonċernati kollha qabel il-bidu tal-iżvilupp. Il-Kummissjoni pproponiet fl-abbozz tar-Regolament li Grupp Konsultattiv magħmul minn esperti nazzjonali tal-Istati Membri jipprovdi lill-Aġenzija bit-tagħrif espert relatat mal-ETIAS. Barra minn hekk waqt il-fażi ta' żvilupp il-proġett kollu tal-IT jiġi rrappurtat lil Bord ta' Ġestjoni tal-Programmi magħmul minn sitt membri mill-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA minn fost il-membri jew is-sostituti tiegħu, il-president tal-Grupp Konsultattiv tal-ETIAS u tliet membri li jirrappreżentaw rispettivament lill-eu-LISA, lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u lill-Kummissjoni (ara l-Artikolu 63).

*2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell tar-riskju ta' żbalji mistennija.*

M/A

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni jew protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.*

Il-miżuri previsti kontra l-frodi huma stipulati fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 1077/2011 li jipprovdi kif ġej:

1. Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 għandu japplika.

2. L-Aġenziji għandhom ikunu parti mill-Ftehim Interistituzzjonali dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u mingħajr dewmien, joħorġu d-dispożizzjonijiet adatti applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenziji.

3. Id-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament u l-ftehimiet ta' implimentazzjoni u l-istrumenti li jirriżultaw minnhom għandhom jistipulaw espliċitament li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu jwettqu, jekk meħtieġ, kontrolli fuq il-post fost dawk li jirċievu finanzjament mill-Aġenziji u l-aġenti responsabbli għall-allokazzjoni tiegħu.

Skont din id-dispożizzjoni, id-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li tikkonċerna t-termini u l-kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet interni relatati mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali detrimentali għall-interessi tal-Unjoni kienet adottata fit-28 ta' Ġunju 2012.

Se tapplika l-istrateġija għall-prevenzjoni u l-kxif ta' frodi tad-DĠ HOME.

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

| |
|---|
| L-IMPATT STMAT FUQ IN-NEFQA U L-PERSUNAL GĦAS-SNIN 2021 U DAWK SUSSEGWENTI F'DIN ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA HUWA MIŻJUD BĦALA EŻEMPJU U MA JIPPREĠUDIKAX IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI LI JMISS |

### 3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwati

- L-intestaturi baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji tal-baġit.

